MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Rikors Kongunt Numru. 76/2014

ab

**u**

**cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntiv illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet izzewwgu fis-sebgha (7) ta’ Lulju elf disa’ mija u disghin (1990) (kopja tac-certifikat taz-zwieg annessa u mmarkata Dok. A), minn liema zwieg kellhom zewgt itfal, S B mwieled fl-erbatax (14) ta’ Frar elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992) u G B mwieled fid-dsatax (19) ta’ April tas-sena elf disa’ mija erbgha u disghin (1994);

Illi l-partijiet isseparaw konsenswalment permezz ta’ kuntratt tal-hmistax (15) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Liza Camilleri, kopja ta’ liema kuntratt hija hawn annessa u mmarkata Dok B;

Illi skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni, l-esponent Joseph B obbliga ruhu li jhallas bhala manteniment is-somma ta’ hamsa u tmenin (€85.00)

fix-xahar ghal kull iben, flimkien mal-hlas tal-ispejjez edukattivi, medici, assikurazjoni medika, hwejjeg u safar tat-tfal;

Illi stante li t-tfal ilkoll minuri S u G B t-tnejn ilhom jirrisjedu ma' missierhom ir-rikorrent, li fil-prattika huwa responsabbli ghall-kura u kustodja taghhom, dan il-manteniment mhux qieghed jithallas lill-intimata ommhom, li taqbel li dan l-arrangament huwa ekwu u adegwat tenut kont ic-cirkostanzi u tiddikjara ulterjorment li hija ghandha kuntatt regolari ma uliedha l-minuri;

Illi skond l-istess ftehim, il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghal kull manteniment li seta' kien dovut fil-konfront ta' xulxin rispettivament;

Illi l-partijiet qatt ma ghexu flimkien sa mis-separazzjoni *de facto* taghhom fl-2009;

Illi l-partijiet qeghdin jghixu hajja totalment indipendenti minn xulxin u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-partijiet jixtiequ jhollu z-zwieg fuq imsemmi;

Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji impost mill-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi –

1. Ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali;
2. Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;
3. Il-manteniment dovut huwa wiehed adegwat u qieghed jithallas regolarment;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tordna li z-zwieg ikkuntattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Lulju 1990 jigi mahlul;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

u dan taht kull provvediment iehor li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Marzu, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti Sarah Kerr;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-15 ta’ Ottubru 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------